IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2020
COM(2020) 549 final/2

CORRIGENDUM
This document corrects document COM(2020) 549 final of 20.5.2020.
Concerns all linguistic versions except English, French, German and Latvian.
Modification of the document's marking on the cover page.
The text shall read as follows:

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Il-Latvja

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Il-Latvja

Rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. INTRODUZZJONI

Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola, kif inhu stipulat fl-Artikoli 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) 1466/97 u l-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kkondividiet mal-Kunsill il-fehma tagħha li, minħabba t-tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku mistenni kaġun tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-kundizzjonijiet attwali jippermettu l-attivazzjoni tal-klawżola. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti tluq temporanju mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju, dment li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju. Għall-parti korrettiva, il-Kunsill jista' jiddeċiedi wkoll, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Hija tippermetti lill-Istati Membri jitbiegħdu mir-rekwiżiti baġitarji li normalment japplikaw filwaqt li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iwettqu l-miżuri ta' koordinazzjoni tal-politika meħtieġa fil-qafas tal-Patt.

Id-*data* nnotifikata mill-awtoritajiet Latvjani fil-31 ta' Marzu 2020 u sussegwentement ivvalidata mill-Eurostat[1] turi li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fil-Latvja laħaq 0,2 % tal-PDG fl-2019, filwaqt li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ta' 36,9 % tal-PDG. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, il-Latvja tippjana defiċit ta' 9,4 % tal-PDG fl-2020, filwaqt li d-dejn huwa ppjanat għal 51,7 % tal-PDG.

Id-defiċit ippjanat għall-2020 jipprovdi evidenza *prima facie* dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kif definit mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Fl-isfond ta' dan, il-Kummissjoni, għalhekk, ħejjiet dan ir-rapport, li janalizza l-konformità tal-Latvja mal-kriterji tad-defiċit u tad-dejn tat-Trattat. Il-kriterju tad-dejn jista' jitqies li ġie ssodisfat billi l-proporzjon tad-dejn huwa anqas mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG. Hija tqis il-fatturi rilevanti kollha u tagħti kunsiderazzjoni xierqa lix-xokk ekonomiku kbir marbut mal-pandemija tal-COVID-19.

---

[1] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/10294648/2-22042020-AP-EN.pdf/6c8f0ef4-6221-1094-fef7-a07764b0369f

Tabella 1. Defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)

		2016	2017	2018	2019	2020 COM	2021 COM
Kriterju tad-defiċit	Bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika	0,2	-0,8	-0,8	-0,2	-7,3	-4,5
Kriterju tad-dejn	Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika	40,9	39,3	37,2	36,9	43,1	43,7

Sors: Eurostat, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni

2. KRITERJU TAD-DEFIĊIT

Fuq il-bażi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fl-2020 huwa ppjanat li jilħaq 9,4 % tal-PDG, 'il fuq u mhux qrib il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG.

L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza fl-2020 huwa eċċezzjonali, peress li dan jirriżulta minn tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Jekk jitqies l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni jipprevedi tnaqqis tal-PDG reali fl-2020 b'7,0%.

L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza tat-Trattat mhuwiex temporanju abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, li jipprevedi li d-defiċit jibqa' ogħla minn 3 % tal-PDG fl-2021.

Kollox ma' kollox, id-defiċit ippjanat għall-2020 kien 'il fuq u mhux qrib il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG stabbilit fit-Trattat. L-eċċess ippjanat huwa kkunsidrat eċċezzjonali iżda mhux temporanju kif definit mit-Trattat u mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għalhekk, l-analiżi tissuġġerixxi li *prima facie* l-kriterju tad-defiċit kif definit mit-Trattat u r-Regolament (KE) Nru 1467/97 mhux issodisfat.

3. FATTURI RILEVANTI

L-Artikolu 126(3) tat-Trattat jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax il-ħtiġijiet ta' wieħed minn dawn il-kriterji jew tat-tnejn li huma, il-Kummissjoni jkollha tħejji rapport. Dan ir-rapport irid ukoll "iqis jekk id-dejn tal-gvern ikunx jeċċedi n-nefqa tal-gvern f'investiment u jqis il-fatturi kollha relevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u baġitarja għall-futur medju tal-Istat Membru".

Dawn il-fatturi huma ċċarati aktar fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, li jistipula wkoll li "kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat huwa rilevanti sabiex tkun ivvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn u li l-Istat Membru ressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni" jeħtieġ li jingħata l-kunsiderazzjoni dovuta.

Fis-sitwazzjoni attwali, fattur addizzjonali ewlieni li għandu jitqies fir-rigward tal-2020 huwa l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19, li huwa sostanzjali ħafna fuq is-sitwazzjoni baġitarja u jirriżulta f'perspettiva inċerta ħafna. Il-pandemija wasslet ukoll għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali.

3.1. Il-pandemija tal-COVID-19

Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal xokk ekonomiku li qed ikollu impatt negattiv sinifikanti fl-Unjoni Ewropea kollha. Il-konsegwenzi għat-tkabbir tal-PDG se jiddependu kemm fuq it-tul tal-pandemija kif ukoll fuq it-tul tal-miżuri li jittieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali u fil-livell Ewropew u globali biex titrażżan il-firxa tagħha, biex jiġu mħarsa l-kapaċitajiet tal-produzzjoni u biex tiġi appoġġata d-domanda aggregata. Il-pajjiżi diġà adottaw, jew qed jadottaw, miżuri baġitarji biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa u jipprovdu l-għajnuna lil-individwi u lis-setturi partikolarment affettwati. Ġew adottati wkoll miżuri ta' appoġġ ta' likwidità sinfikanti u garanziji oħra. Fuq il-bażi ta' informazzjoni aktar dettaljata, l-awtoritajiet tal-istatistika kompetenti għandhom jeżaminaw jekk dawn jinvolvux impatt immedjat fuq il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika jew le. Flimkien mat-tnaqqis fl-attività ekonomika, dawk il-miżuri se jikkontribwixxu għal defiċit tal-gvern u u pożizzjonijiet tad-dejn sostanzjalment ogħla.

3.2 Pożizzjoni ekonomika fi żmien medju

Il-PDG reali tal-Latvja żdied bi 2,2 % fl-2019, xprunat minn konsum privat solidu iżda bi tnaqqis fl-investiment u fit-tkabbir tal-esportazzjoni. Fl-2020, il-PDG reali huwa previst li jonqos b'7 %, affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19 u mill-miżuri ta' konteniment relatati, fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni. L-investimenti u l-esportazzjonijiet huma mistennija li jbatu l-aktar minħabba l-għeluq tal-fruntieri u d-domanda barranija li qed tonqos, filwaqt li l-konsum huwa mistenni li jkun aħjar minn fi Stati Membri oħra. It-tnaqqis drastiku fil-PDG huwa fattur mitiganti fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Latvja mal-kriterju tad-defiċit fl-2020.

Il-projezzjonijiet makroekonomiċi huma inċerti ħafna, peress li l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 se jiddependi fuq it-tul u s-severità tal-miżuri restrittivi. Il-pandemija tista' ssir aktar severa u ddum aktar minn dak preżunt, li jkun jeħtieġ miżuri ta' konteniment aktar stretti u aktar fit-tul. Ma hemm l-ebda restrizzjoni min-naħa tal-provvista għall-manifattura u l-kostruzzjoni. Minħabba dan, dawn is-setturi jistgħu jkunu aktar reżiljenti minn dak preżunt f'każ li jerġa' jkun hemm domanda. Madankollu, il-perkors tal-irkupru tal-Unjoni jista' ma jkunx robust kif previst u għalhekk jista' jirriżulta f'irkupru aktar fit-tul fil-Latvja.

3.3 Pożizzjoni baġitarja fi żmien medju

Fl-2019, fuq il-bażi tad-*data* dwar ir-riżultati u t-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni u meta titqies il-konċessjoni ta' 0,5% tal-PDG marbuta mar-riforma tal-kura tas-saħħa, id-defiċit strutturali tal-Latvja ta' 1,7 % tal-PDG huwa vvalutat li huwa qrib l-objettiv baġitarju fi żmien medju ta' -1,0 % tal-PDG, li jindika konformità mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika se jiddeterjora għal 9,4 % fl-2020. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku huwa mistenni li jnaqqas id-dħul mit-taxxa tal-Gvern u dak mhux fiskali b'madwar 5 % tal-PDG. Iż-żieda fiċ-ċifri tal-qgħad u d-domanda ogħla għall-benefiċċji tal-liv minħabba l-mard u l-benefiċċji tal-assistenza soċjali huma mistennija jiswew 1 % tal-PDG. Barra minn hekk, il-miżuri ta' appoġġ għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi huma stmati li jżidu d-defiċit tal-Gvern b' 3 % tal-PDG fl-2020. Il-miżuri ta' rispons għall-kriżi jinkludu għażliet ta' differiment tat-taxxa sa tliet snin, appoġġ għall-introjtu għal ħaddiema li mhux jaħdmu u li jinsabu qiegħda, kif ukoll miżuri ta' likwidità u

miżuri ta' appoġġ settorjali. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' stimolu huma ppjanati li jintemmu fl-2021.

Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-Gvern se jilħaq 7,3 % tal-PDG fl-2020. Dan jassumi effett simili tal-miżuri ta' stimolu bħal fir-rigward tal-Programm ta' Stabbiltà, iżda t-tnaqqis fl-impjiegi kif ukoll l-istabilizzaturi awtomatiċi fuq in-naħa tan-nefqa huma preżunti li jkunu aktar baxxi fl-2020. Id-differenzi fil-projezzjonijiet makroekonomiċi u fiskali juru l-inċertezza kbira marbuta magħhom.

3.4 Fatturi oħrajn imressqa mill-Istat Membru

Fil-15 ta' Mejju 2020, l-awtoritajiet Latvjani bagħtu ittra bil-fatturi rilevanti skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. L-analiżi ppreżentata fit-taqsimiet preċedenti tkopri diġà b'mod wiesa' l-fatturi ewlenin imressqa mill-awtoritajiet. B'mod partikolari, l-eċċess tad-defiċit tal-Gvern fuq il-valur tar-referenza tat-Trattat huwa esklussivament dovut għall-impatt tal-kriżi tal-COVID-19.

4. Konklużjonijiet

Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tal-Latvja fl-2020 huwa ppjanat li jiżdied għal 9,4 % tal-PDG, 'il fuq u mhux qrib il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. L-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza huwa kkunsidrat eċċezzjonali iżda mhux temporanju.

F'konformità mat-Trattat u mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan ir-rapport eżamina wkoll il-fatturi rilevanti.

B'mod ġenerali, id-defiċit ippjanat huwa ferm ogħla minn 3 % tal-PDG, l-eċċess mhuwiex temporanju u meta jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/1997 mhuwiex issodisfat.